MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2014

Numru. 89/2014

Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)

vs

**Andrew Azzopardi**, ta' 58-il sena iben Loreto u Rita nee' Azzopardi, imwieled Xewkija, Għawdex, fit-18 ta' Marzu 1956 u residenti No. 73, Triq ta' Ġokk, Xewkija, Għawdex; u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 21256(G).

**Illum L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi li permezz tagħhom l-imsemmi Andrew Azzopardi ġie akkużat talli:

1. Kiser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(3) tal-Kap. 425, cioè fil-każ in partikolari il-kaptan tal-bastiment tas-sajd qabad ħut tal-ispeċi *lampuki* fi żmien li mhux kopert mill-perijodu ta' validità mogħti lilu bil-*Liċenza Speċjali tas-Sajd għall-Użu ta' Apparat Aggregattiv tas-Sajd (FADs)* maħruġ lilu fil-21 ta' Lulju 2014.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser id-disposizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċiżament id-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni stante li stat għal-lampuki bl-użu ta' apparat aggregattiv tas-sajd fi żmien meta is-sajd għal-lampuki bl-użu ta' apparat aggregattiv tas-sajd huwa projbit, preċiżament bejn l-1 ta' Jannar sal-14 ta' Awwissu ta' kull sena u dan taħt l-Artikolu 12 tar-*REGOLAMENT (UE) Nru 1343/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran.*

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fl-ibħra tas-sajd bhala il-kaptan tal-bastiment involut naqas milli jistiva b'mod li ma jkunx lest għas-sajd it-tagħmir tas-sajd tal-bastiment u dan bi ksur tal-artikolu 14(1) tal-Kap. 425.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ġarr abbord għodda tas-sajd li ma kienx debitament awtorizzat juża, u dan bi ksur tar-regolament 3 tal-L.S. 425.01.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat Andrew Azzopardi, iħallas il-kost u l-ispejjeż relattivi għall-proċedimenti skond l-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 25(b) u tal-artikolu 35(1) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan *inter alia* fir-rigward tal-konfiska tal-ħut maqbud u

mibjugħ mill-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd skond il-poteri mogħtija lilhom taħt il-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll fir-rigward tal-garanziji dovuti u taż-żamma tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll dawk id-disposizzjonijiet l-oħra applikabbli skond il-liġi fir-rispett ta' kull konfiska u/jew għoti ta' garanzija u dan dejjem skond dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni; ċertifikat tat-twelid tal-imputat mmarkat Dok. 'FT 1', il-fedina penali mmarkata Dok. 'FT 2', l-Stqarrija mmarkata Dok. 'FT 3', Denunzja tal-Fisheries mmarkata Dok. 'FT 4', u tlett vouchers ta' bejgh ta' ħut mid-Dipartiment tas-Sajd mmarkat Dok. 'FT 5'.

Semgħet lill-imputat jammetti l-akkużi kif dedotti u dana wara illi wissietu sabiex jerġa' jikkunsidra din l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi rigward il-piena.

Il-Qorti għalhekk fuq ammissjoni tal-imputat issibu ħati tal-akkużi kif dedotti wara li rat l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 425 u in vista' tal-ammissjoni tal-imputat timmultah is-somma ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69ċ) rigward l-ewwel akkuża.

Wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-L. S. 425.08 in konsiderazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 timmultah għas-somma ta' elf sebgħa mija u tmienja u għoxrin ewro (€1728) rigward it-tieni akkuża.

Wara li rat l-Artikolu 14(1) tal-Kap. 425 timmultah fir-rigward tat-tielet akkuża s-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4658.75ċ) u fir-rigward tar-raba akkuża wara li rat ir-regolament 3 tal-L.S. 425.01, timmultah għas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€232.90ċ) dana wara li kkunsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija a tenur tal-Artikolu 17 ta' Kap. 9.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat kollu mill-bejgħ tal-ħut maqbud kif jirriżulta mid-Dokument 'FT 5', u tordna r-rilaxx tal-bastiment favur tal-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------